**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 06** **It-TNEJN, 4 ta' NOVEMBRU 2019**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru 2019, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku),
Jerome Caruana Cilia (Kunsillier)
Donnha Barbara (Kunsillier),
Charlie Cuschieri (Kunsillier),
Daniel Ablett (Kunsillier),
Marvin Zammit (Kunsillier),
Sean Apap Meli (Kunsillier),
Martina Grech (Kunsillier)
George Muscat (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Josef Masini Vento (Viċi Sindku)
Ralph Puli (Kunsillier)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**06/01** **QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**06/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-ittri ta' apoloġija ppreżentati mill-Viċi Sindku Josef Masini Vento u l-kunsillier Ralph Puli.

Il-Kunsill qabel li l-assenza hija ġustifikata u għaldaqstant approva l-ittri ta' apoloġija.

**06/02/01** **KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 05**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 05 li nżammet nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma
kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/02/02** **PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** nfurma li s-subistance allowance li ngħatat mill-Kunsill, ingħatat taħt il-parametri tal-liġi u ma setgħetx tifhem għaliex inqala' diżgwit għal tali pagament.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** talab point of order dwar dan, fejn hu qal li hu ma kienx kontra li ngħatat is-*subsistance allowance*, iżda għal mod ta' kif saret il-proċedura. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li meta jkun hemm tali opportunitajiet, għandha titressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, waqt il-laqgħa u wara tittieħed deċiżjoni jekk hux vijabbli jew le li ssir l-ispiża.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li f'Kunsilli preċedenti kien hemm direzzjoni li ma jsirx safar, iżda f'każ li jkun hemm opportunita' oħra se titressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**06/03** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**06/03/01** **Ġnien fi Triq is-Sajf**

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li l-proġett ta' Triq is-Sajf kien approvat qabel l-elezzjoni mill-Kunsill preċedenti u meta ġie elett bħala Sindku talab li dan il-proġett jiġi revised, iżda meta tkellem mal-uffiċjali ta' GAL XLOKK ġie nfurmat li dan it-tibdil se jtellef lill-Kunsill, il-fondi ewropej li ngħata.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** spjega li r-residenti minn dejjem ma ridux il-bankijiet u għaldaqstant la dawn il-bankijiet mhux se jsiru, l-konkos fil-ħamrija ma jsirx. Il-Kunsilier Jerome Caruana Cilia insista li l-proġett ~~jitwaqqaf b'mod immedjat~~ jiġi sospiż temporanjament u ssir talba sabiex isir tibdil fil-proġett billi ma jsirx il-konkos u minflok jitħawwlu aktar siġar.

**Is-Sindku Renald Falzon** spjega li hu jaqbel mal-prinċipju tal-kunsillier Caruana Cilia izda mhux se jirriskja li l-Kunsill jitlef il-fondi u jitfa' piż finanzjarju fuq il-Kunsill.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni li l-pjanti ta' dan il-proġett kienu ġew diskussi u approvati f'Kunsill preċedenti.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk saritx DNO Application għal dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li saret DNO Application.

**Il-Kunsillier George Muscat** ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu joqgħod attent minħabba l-fatt li l-kuntrattur jista' jfittex lill-Kunsill għall-ispejjeż li għamel, fejn dan x'aktarx diġa xtara l-materjal kollu.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ppropona li, jekk bilfors se jsir il-konkos, ~~kif proġettat u~~ minflok il-bankijiet jsiru informational boards.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** saħaq li l-Kunsill għandu jissospendi x-xogħol u jitressqu l-ħsibijiet tar-residenti u jsiru l-laqgħa meħtieġa mal-awtoritajiet responsabbli. Hu tenna li l-fatt li tiressaq it-talba ma jfissirx li se jintilfu l-fondi. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia saħaq li ma jaqbilx li għandhom jintilfu l-fondi, iżda sostna li l-Kunsill huwa fid-dmir li jressaq it-talba f'isem ir-residenti, ġaladarba l-bankijiet mhux se jsiru.

**Is-Sindku Renald Falzon** spjega li jekk ikun hemm *delay*, se jkun hemm *repurcussions* fuq il-Kunsill u staqsa kemm il-darba lil Kunsillier Jerome Caruana Cilia jekk hux lest li jerfa' r-responsabilta, kemm il-darba jintilfu l-fondi u l-Kunsillier ma wegibx.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** qal li la l-bankijiet huma l-unika ħaġa li ma jridux ir-residenti, dawn jistgħu ma jsirux.

Is-Seduta ġiet sospiża sabiex isir kuntatt mal-uffiċjal ta' GAL XLOKK.

**Is-Sindku Renald Falzon** qal li kif intqal tajjeb mill-uffiċjal ta' GAL XLOKK, jekk ikun hemm Change Request Form sabiex jitneħħa x-xogħol ta' konkos, se jinħolqu problemi bil-Procurement, minħabba l-fatt li jista' jagħti l-każ li jkun hemm bidders li ma tefgħux it-tender minħabba li ma jagħmlux xogħol ta' konkos u hekk il-Kunsill jiġi akkużat li l-proċess ma kienx wieħed trasparenti.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia saħaq li kif qal tajjeb l-uffiċjal ta' GAL XLOKK, huwa dritt tal-Kunsill Lokali li jressaq talba għall-emenda u l-fatt li titressaq it-talba lill-awtoritajiet ma jfissirx li se jintilfu l-fondi.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** qal li wara snin ta' telqa, din is-soft area qed tingħata dehra ġdida u fl-aħħar mill-aħħar se titgawda mir-residenti kollha qriema.

**Is-Sindku Renald Falzon** wieġeb li l-proġett seta' jitwaqqaf fiż-żmien opportun jiġifieri qabel ma ħareġ it-tender u ġie aġġudikat.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li jittieħed vot sabiex il-proġett jiġi sospiż temporanjament ('l parti fejn se jintefa' l-konkos) u jiġu nvoluti l-istakeholders kollha sabiex jitneħħa l-konkos approvat.

**Is-Sindku Renald Falzon** qal li fuq talba li qed issir mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia l-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk jissospendiex il-proġett fil-fażi li fiha se jingħat l-konkos, sabiex isir kuntatt mal-awtoritajiet konċernati bil-konsegwenza li tali deċiżjoni tista' ġġib magħha, fejn potenzjalment twassal għal telf ta' fondi u konsegwenzi oħra jew inkella l-Kunsill jipproċedi bit-tkomplija tax-xogħlijiet kif ippjanat u approvat mill-Kunsill preċedenti.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia, dwar dan il-proġett, qal li hu dejjem saħaq dwar l-importanza tal-ambjent u kien konsistenti fuq dawn it-tlett punti:

Li l-ammont ta' siġar ma jonqosx u jekk huwa possibli jiżdied
Li l-ammont ta' spazju ta' parkeġġ ma jonqosx
Li l-bankijiet (allura l-konkos li fuqhom isiru l-bankijiet ma jsirux.

Is-Sindku Renald Falzon qal li l-memrbri li kienu jagħmlu parti mill-Kunsill preċedenti setgħu faċilment jwaqqfu u jqajjmu l-ħsibijiet tagħhom, speċalment fil-fażi fejn kien qiegħed jiġi diskuss l-istess proġett.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia talab li jittieħed vot dwar jekk il-proġett għandux jitwaqqaf. Saret votazzjoni bejn il-membri preżenti, fejn vvota Favur Kunsillier wiehed (1). Tlieta Kontra (3) u Ħames Astensjonijiet (5).

**06/03/02** Il-Kunsill qabel li l-proġett jitkompla kif approvat.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ħareġ mil-laqgħa (8.00p.m.)

**FTEHIM MAL-BANED 2019-2022**

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li qed jiġi ppreparat d-draft tal-kuntratt tal-baned 2019-2022.

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li f'dan il-kuntratt se jkunu jistgħu jorganizzaw ukoll il-kunċert tal-festa.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar dan il-kunċert m'għandux ikun marbut mal-festa, għall-fatt li dan il-kunċert għandu jżomm l-identita' tal-lokalita'. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli, qal li l-Kunsill għandu jara li jgħolli l-istandard ta' tali programmi.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** proponiet li dawn il-programmi għandhom ikunu marbuta bi klawsola sabiex jippromwovi t-talent Qormi.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab li l-membri jingħataw draft tal-kuntratt propost.

**06/03/04**

**PROĠETT TRIQ SAN BASTJAN**

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li l-Kunsill għadu qed jistenna li jitkompla l-proġett tal-pjazza u jkun possibli li l-Kunsill jiġbor flusu mill-Urban Development Fund. Wara diskussjoni ġie deċiż li tintbagħat ittra legali lil RMS u ssir stedina lill-Perit tal-Kunsill sabiex jattendi għal-laqgħa li jsmiss sabiex tiġi ndirizzata l-problema ta' żlieq fi Pjazza San Bastjan u Pjazza San Pietru.

**06/03/05 XOGĦLIJIET TA' BANKINI**

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li x-xogħlijiet fuq il-bankina fi Triq Ġużeppi Ciappara tlestew u l-programm tax-xogħlijiet mistenni jitkompla fil-ġimgħat li ġejjin.

**06/04** **MOZZJONIJIET**

**06/04/01** **Mozzjoni Nru 20 imressqa mill-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento**

Il-Kunsill qabel li din il-mozzjoni tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss sabiex il-Viċi Sindku jkollu l-opportunita' jispjega l-kontenut ta' din l-email.

**06/04/02** **Mozzjoni Nru 21 imressqa mill-Kunsillier Marvin Zammit**

*"Kif nafu il-proġett tal-pjazza fi Triq San Sebastjan kien wieħed li sebbaħ iz-zona kif xiereq, partikolarment il-Knisja li tinsab f'din il-pjazza. Sabiex tkun kompluta u tisbiħ aktar nipporponi sabiex isir dawl mal-parti ta' fuq nett tal-kampnari tal-knisja, wara li tintalab stima, għaliex bħalissa jinsabu imdalma"*

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** ssekondat il-mozzjoni**.**

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/04/03** **Mozzjoni Nru 21 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

*Qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali ikun qed jipparteċipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;*

*Biex ikompli jaħdem id f'id mal-għaqdiet lokali; Nipproponi biex bħalma għamel fis-snin preċedenti l-Kunsill Lokali jidħol fi ftehim :-*

- *mal-Għaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan;*
- *mal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira/ Pjazza San Franġisk;*
- *mal-Kumitat Festi Esterni sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triqil-Kbira/Triq il-Blata*
- *mal-Għaqda Soċjo Muzikali Anici sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Ġwakkin Schembri u l-madwar*
- 

*Fejn il-Kunsill iħallas tal-ispejjeż involuti bl-istess arranġamenti tas-sena l-oħra.*

Il-**Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/04/04** **Mozzjoni Nru 23 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

*Peress li l-Kunsill Lokali għandu is-sigurta tas-sewwieqa, kif ukoll tal-Pedestrians għal qalbu, nipproponi li Triq id-Dragun, 'l parti li tinfed għal Triq il-Ħelsien, issir*

*One-Way, tkun ħruġ biss ikun minn Triq id-Dragun għal Triq il-Ħelsien.*

Il-**Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/04/05 Mozzjoni nru 24 imressqa mill-Kunsillier Donnha Barbara**

*Nipproponi li jsir pjan ħolistiku fejn jistgħu jiżdiedu bins u dog bins madwar Ħal Qormi.*

*Qed naħdem sabiex ingibu bins ġodda, sabiex jiġu nstallati f'dawn iz-zoni;*

- *2 bins gewwa il-Wied ta' San Ġorġ,*
- *Fiz-zona Ta' Farsina Housing Estate*
- *Qrib Susina Farmhouse , fi Triq Għar-Ram*

**Is-Sindku Renald Falzon** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/04/06 Mozzjoni Nru 25 imressqa mill-Kunsillier Daniel Ablett**

*Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' madwar 4000Eu sabiex tiġi organizzata attivita' sportiva fl-okkażjoni ta' Jum it-Tfal, bit-Tema 'Jum Dinja għat-Tfal Qriema', nhar il-Ħadd 17 ta' Novembru bis-sehem tal-Għaqda Move.*

*Din in-nefqa tkopri l-ispejjeż relati ma' armar ta' ground/pitch tat-turf, tagħmir għal-logħob, servizz ta' pulizija/uffiċjali tal-Komunita' u materjal pubbliċitarju.*

***Il-Kunsillier Marvin Zammit*** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni

**Il-Kunsillier Daniel Ablett talab li jkun skużat. Huwa ħareġ mil-laqgħa fit-8.40p.m.**

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia reġa' daħal għal-laqgħa.**

**06/04/07 Mozzjoni Nru 26 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

*Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi dejjem iżomm lir-residenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu*

*u dejjem jaħdem għal ġid tar-residenti Qriema.*

*Għaldaqstant qiegħed nipproponi li l-Kunsill jidħol fi ftehim għal sena mal-Kumpanija "The Notebook Centre" fejn għal ħlas ta' sena €4995, "The Notebook Centre jikkommetti ruħu li jipprovdi dawn is-servizzi li jsegwu hawn taħt lil kull resident Qormi mingħajr ħlas.*

1. *General Servicing*
2. *Physical cleaning*
3. *Re-formatting*
4. *Virus removal*
5. *Free antivirus software*

*Kull resident jista' jibbenefika mis-servizzi msemmi darba biss.*

*F'dan il-ftehim qed jiġi estiż ukoll għal PCs tal-Kunsill Lokali u tal-istaff.*

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona li tintalab statistika tar-residenti li se jkunu qed jibbenefikaw minn dan is-servizz.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/04/08**

**Mozzjoni Nru 27 imressqa mill-Kunsillier Donnha Barbara**

Nipproponi li l-Kunsill jalloka ammont ta fondi biex nibdew naħdmu fuq il-kampanja edukattiva dwar l-immaniġġjar tal-iskart.

Nipproponi li tinħareġ tender fuq kif nixtiequ li naħdmu din il-kampanja edukattiva biex jiġi iddiżinjat storja, mascot etc

**Is-Sindku Renald Falzon** ssekonda l-mozzjoni.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** nfurmat li mill-esperjenza li għandha l-ispiża tammonta għal madwar € 4000.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/04/09**

**Mozzjoni Nru 28 imressqa mill-Kunsillier Carmelo Cuschieri**

*Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi huwa kommess li jkun ta' sostenn għall-familji kollha*

*Qriema.*

*Bħala kunsillier responsabbli mill-ħarsine tal-annimali nipproponi li ;*

*Jibda l-proċess sabiex jinstab post fejn isir dog park/s. B'hekk inkunu qed nagħtu spazju lir-residenti Qriema fejn jirrikreaw rwieħhom flimkien mal-pets tagħhom u nkunu wkoll qed nuru li tassew għandna għal qalbna l-benessere tal-annimali.*

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** ssekondat il-mozzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li fil-passat kien hemm proposta li dan isir fi Vjal de la Cruz.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/04/10**

**Mozzjoni Nru 29 imressqa mill-Kunsillier Dr. Sean Apap Meli**

*Peress li Beltna hija belt li tammonta ghal madwar 16,600 persuna bhala popolazzjoni u t-toroq li hawn jammontaw ghal il' fuq minn 125, wasal iz-zmien li f'din il-Belt jiddahhal il-progett tal-community policing officers.*

*Ghalhekk qed nirrikomanda li dan il-progett jidhol fis-sehh f' Hal Qormi kemm jista' jkun malajr u l-kontenut ta' din il-mozzjoni jigi notifikat biha l-Ministru Dr. Michael Farrugia bhala l-Ministru tal-Intern.*

**Is-Sindku Renald Falzon** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/05 KOMUNIKAZZJONI SOTTO-KUMITATI**

**06/05/01** **Il-Kunsillier Martina Grech** nfurmat li għamlet kuntatt mal-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, fejn ġiet infurmata li dan il-proġett miet mewta naturali. Għaldaqstant proponiet li jitwaqqaf Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Kunsill Lokali u s-Sindku nominat ikun l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Għaldaqstant se tkun qed toħloq facebook page għaż-żgħażagħ qriema. Is-Sindku ppropona li jinħatar sotto-kumitat taż-żgħażagħ.

**06/05/02** **Il-Kunsillier Donnha Barbara** nfurmat li nhar is-Sibt 23 ta'Novembru se tinżamm il-Clean-up day fi Triq Ġuże Maria Camilleri.

**06/05/03** **Il-Kunsillier Donnha Barbara** nfurmat li nhar il-Ħamis, 28 ta' Novembru se tinżamm il-Konferenza LGBTQ+, għall-familji qriema.

**06/05/04** **Il-Kunsillier Donnha Barbara** nfurmat li nhar is-Sibt 1 ta'Diċembru se ssir mixja kontra l-vjolenza domestika fil-Belt Valletta u ħeġġet lill-membri jattendu.

**06/06 BUSINESS PLAN 2020-2023**

**Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-Business Plan 2020-2023, liema dokument ġie mgħoddi lill-membri mal-Aġenda.**

**Is-Sindku Renald Falzon ippropona l-approvazzjoni tal-Business Plan 2020-2023**

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.**

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/07 QUARTERLY FINANCIAL INDICATOR (3)**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Kopja tal-Quarterly Financial Report, liema dokument ġie mgħoddi lill-membri mal-Aġenda.

Is**-Sindku Renald Falzon** ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Seba Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**06/08 KORRISPONDENZA**

**06/08/01 Għaqda Teatrali Aniċi – talba għal għajnuna finanzjarja.**

Il-Kunsill Lokali ddiskuta din it-talba u qabel li għal din id-darba se jkun qed jgħin lill-għaqda, iżda se jkun qed jinfurmaha li tali attivitajiet għandhom jiġu organizzati fil-lokalita'.

**06/09 Skeda ta' Pagamenti**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier George Muscat** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2019.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum 6 ta' Jannar 2020.